MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2015

Numru 2/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**Vs**

**Fabio Ciappara**

**(Seduta Distrett – Qawra )**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Illum, 16 ta' Marzu 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Fabio Ciappara, iben Francis u Josephine xebba Borg imwieled fil-11 ta' April 1957 Mellieha u joqghod Hanaver, Triq il-Migbha, Mellieha talli fis-26 ta' Dicembru 2008 ghall-habta tat-15:30hrs gewwa l-Mellieha:

1) Zamm tlett iklieb fil-pubbliku minghajr cinga
2) Zamm tlett iklieb minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija
3) Naqas li jlibbes cinga lill-klieb tieghu meta kien jaf li l-klieb tieghu huma perikoluzi u nervuzi
4) Ippermetta lill-klieb tieghu jaghmlu griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Megan Sant skont kif iccertifika Dr G. Micallef MD reg no 5139 mill-Isptar Mater Dei.

F'kaz ta' htija l-prosekuzzjoni talbet biex il-klieb jigu distrutti.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi dan huwa kaz li sehh fis-26 ta' Dicembru 2008 fil-Mellieha ghall-habta tat-3.30p.m. fejn minuri ta' hames snin sofriet griehi ta' natura hafifa billi ngidmet minn klieb allegatament appartenenti lill-imputat.

Illi Michael Borg, in-nannu tal-minuri, xehed li dakinhar tal-incident huwa kellu lin-neputija mieghu li dak iz-zmien kellha hames snin u marru jimxu fix-xaghri fuq San Pawl bil-klieb tieghu li kienu bla cinga. Ftit il-boghod minnhom kien hemm il-klieb ta' l-imputat u marru jigru ghal fuq in-neputija. Hija waqghet u tkebbet u l-imputat qabez fuq il-klieb biex jifthilhom halqhom biex jitilquha. It-tifla ttiehdet ghand it-tabib imbaghad l-isptar fejn sarulha xi punti. Huwa xehed li l-klieb ta' l-imputat la kellhom cinga u lanqas sarima. Wara l-incident fuq it-tifla marru ghall-klieb tieghu.

David Sant, missier il-minuri, xehed li l-ispejjez tal-medicini thallsu kollha mill-imputat.

Il-minuri min-naha taghha xehdet li dakinhar kienet marret passiggata man-nannu u maghhom kellhom zewgt iklieb li tghid li kienu mizmuma bic-cinga. F'hin minnhom rat ragel b'zewgt iklieb kbar bla cinga. F'hin minnhom dawn il-klieb marru jigru fuqha. Hija kienet bilwieqfa u spiccat mal-art. Tiftakar li dawn il-klieb gidmuha f'saqajha, f'darha u fuq in-naha ta' wara ta' rasha. Dawn il-klieb imbaghad marru fuq il-klieb tan-nannu u wara r-ragel gibidhom lura. Hija m'gharfitx lill-imputat bhala r-ragel li kien bil-klieb. Ikkonfermat ukoll li dan ir-ragel f'xi hin qabez fuqha biex jipprotegiha. In kontro-ezami tixhed li huwa minnu li

l-klieb qabdu f'xulxin izda dak il-hin hija kienet diga' giet migduma mill-klieb tieghu. Hija kkonfermat ukoll li l-klieb tan-nannu kienu minghajr cinga izda tghid li meta n-nannu ra lill-klieb l-ohra gejjin libsilhom malajr ic-cinga.

F'dawn il-proceduri xehdet ukoll l-ex Spettur Therese Sciberras li spjegat li kien proprju l-imputat li cemplilha biex ighidilha fuq l-incident qabel kien dahal ir-rapport. Tixhed li l-ewwel versjoni moghtija li nghatat kemm mill-imputat kif ukoll min-nannu tat-tifla kienet li meta l-klieb raw lil xulxin marru ghal xulxin izda mbaghad irceviet ittra minn Dr Farrugia ghan-nom tal-parte leza li kienet versjoni ohra ta' l-incident.

L-imputat, President ta' Noah's Ark, xehed li kellu mieghu tlett iklieb dakinhar ta' l-incident. Dawn kienu kelba u l-geru taghha ta' 6 xhur u kelb iehor li kien ghadu kif gie operat. Wara nofsinhar hadhom bil-karozza bic-cinga u hadhom il-boghod minn fejn joqghod huwa gewwa xaghri privat bil-permess ta' sid l-art. Din l-art hija f'xifer l-irdum. Dawn il-klieb kienu ta' daqs medju. Wara li vverifika li ma kienx hemm nies, nehhilhom ic-cinga u bdew iduru. F'daqqa wahda ra ragel mill-Mellieha b'tifla mieghu. Kien hemm ukoll zewgt iklieb imma lil dawn rahom wara li kienu gejjin minn taht ix-xifer. Huwa ra wiehed mill-klieb ta' Michael Borg itella' r-ronda u mar ghal wiehed mill-klieb l-ohra li kienu fuq in-naha l-ohra. Hu u gej ghall-kelb wiehed mill-klieb tieghu ghamel l-istess u nlaqtet it-tifla accidentalment mill-kelb tan-nannu taghha. L-imputat mar biex jigborha pero' x'hin mar biex jgahmel hekk il-klieb iggieldu f'dik l-area fejn kienu u huwa ghattiha. Huma ggieldu ma saqajhom u daharhom. Anki huwa sofra xi griehi li kienu gew iccertifikati hekk kif jirrizulta mic-certifikat ezebit in atti.

Xehed li l-Ispettur Sciberras baghtet ghalih u ghal Micheal Borg u ghandha kienu ftehmu li huwa kellu jhallas nofs l-ispejjez involuti. Tlett ijiem wara Borg mar ghandu b'envelope u tah l-ircevuti rapprezentanti

spejjez ta' medicini u hwejjeg u huwa hallsu. Imbaghad irrealizza li kien hallsu ta' kollox u mhux biss in-nofs.

In kontro-ezami jghid li l-klieb dakinhar kienu micro-chipped izda dak iz-zmien ma kienx hemm registrazzjoni taghha. Isostni wkoll li s-santwarji ma kellhomx bzonn licenzja. Jammetti li dakinhar il-klieb ma kienux registrati. Kelb minn tieghu wkoll safa ferut. It-tlett iklieb gew *homed* barra minn Malta.

**Preskrizzjoni**

Illi l-imputat eccepixxa l-preskrizzjoni fir-rigward tal-ewwel tlett akkuzi.

Illi tali eccezzjoni qeghda tigi michuda u dan billi ma gietx ippruvata. Il-fatt li l-ewwel seduta kienet fis-17 ta' Novembru 2009 ma jfissirx awtomatikament li l-imputat ma giex notifikat fit-terminu.

**L-Ewwel tlett imputazzjonijiet**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li l-ewwel zewgt imputazzjonijiet jinsabu pjenament ippruvati. Dan billi rrizulta li l-imputat zamm il-klieb tieghu bla cinga u oltre' dan ma kienux licenzjati mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi dwar it-tielet imputazzjoni jinghad li mill-versjonijiet moghtija tqis li dik moghtija mill-imputat tqarreb hafna aktar lejn il-verita' ghal dak li sehh. Dan partikolarment meta titqies ix-xhieda ta' l-ex Spettur Therese Sciberras. Oltre' dan din il-Qorti tqis li ma giex ippruvat sal grad rikjest

mil-ligi liema mill-klieb effettivament gidem lill-minuri u cioe' jekk kienx dak appartenenti lill-imputat jew lil Michael Borg.

Illi ghalhekk din l-imputazzjoni ma gietx ippruvata billi ma rrizultax sal-grad rikjest mil-ligi li l-klieb ta' l-imputat kienu klieb nervuzi u perikoluzi.

**Ir-raba' imputazzjoni**

Illi d-difiza ssostni li l-imputazzjoni kif dedotta ma tistax tissussisti billi din l-akkuza ma tezisti taht l-ebda artikolu tal-ligi.

Il-parte leza rreferiet ghall-artikoli 225 u 226 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti taqbel mad-difiza li dawn l-artikoli m'ghandhomx x'jaqsmu ma' l-akkuza *de quo.* Dawn l-artikoli jitrattaw offiza involontarja fuq il-persuna. Min-naha l-ohra fl-akkuza nsibu "ippermetta lill-klieb tieghu" li aktar ttendi lejn offiza volontarja.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u ghaldaqstant tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 3 u 17 tal-Kapitolu 312 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghall-ammenda komplessiva ta' €23.30.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------